**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 50/2017 AGV**

**AB ( ID NRU: 451788M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 8883 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf ta' AB datat 1 ta' Marzu 2017 fejn ppermettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni u minnha kellhom tifel minuri ED fil-15 ta' Mejju, 2016 (certifkat tat-twelid anness u mmarkat Dok. A);
2. Illi l-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga eroina u kokaina, liema vizzju huwa kemm-il darba prova jeghleb fil-passat, minghajr ebda success;

3. Illi wara li kellhom l-ewwel tarbija, li twieled permezz ta’ cesarja, l-esponenti marret tghix mal-ġenituri taghha stante li fuq rakkomandazzjoni medika, li hi kellha bzonn il-mistrieh;

4. Illi wara t-twelid tal-minuri, l-esponenti kienet bit-tama li l-konvenut ser jinbidel f’ gieh it-tarbija taghhom. Illi fil-fatt f’Settembru 2016, huwa kien beda program ta’ gimgha gewwa Dar L-Impenn u konsegwentement kellu jattendi go programm residenzjali ta’ tlett xhur gewwa Caritas, minn liema program, tkecca wara ftit sieghat;

5. Illi konsegwentament, il-partijiet tterminaw ir-relazzjoni taghhom u l-esponenti ntavolat proceduri ta’ medjazzjoni;

6. Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda intenzjoni li thassar jew tharbat xi forma ta’ relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri, izda tinsab ikkoncernata stante li l-vizzju tad-droga jimpedielu mill-kapacita’ li jkun tassew responsabbli ghall-minuri;

7. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li hija tkun fdata bil-kura u kustodja tal-istess filwaqt li l-konvenut jibda jara lill-minuri taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg;

8. Ill l-partijiet gew awtorizzati biex jintavolaw dawn il-proceduri permezz ta’ digriet fl-atti tal-medjazzjoni datata 31 ta’ Jannar, 2017 (vide Dok B);

9. Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi,  prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn  m'ghandhiex dina l-Qorti:-

1.Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ED f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati  mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jigi stabbilit minn dina l-Qorti;

2.Tawtorizza lill-esponenti biex tapplika ghall-passport tal-minuri minghajr il-firma jew kunsens tal-konvenut;

3.Takkorda access favur  l-intimat ghall-minuri ED taht supervizjoni gewwa l-bini tal-Agenzija Appogg taht dawk il-provvedimenti u modilitajiet imposti minn din l-Qorti;

4.Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax -il sena, u jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qliegh jew sa 23 sena jekk  il-minuri jiddeciedi li jibqa'  jistudja fuq bazi full time; kif ukoll tordna illi dawn l-manteniment jigu mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut  u jigu depozitati f' kont bankarju, indikat mill-esponenti  u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u  jawmenta kull sena  sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;

5.Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

6.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-registru pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Salv provvedimenti oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq u ġusta.

Bl-ispejjez u imgħaxijiet kollha kontra l-intimata li tinsab minn issa ingunta għas-subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta **tal-konvenut CD (ID 8883M) datata 2 ta' Mejju 2017, fejn** espona bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:-

Illi l-esponent jeċċepixxi bir-rispett:

1. Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda għaliex huwa fl-aħjar nteress tal-minuri ED li l-kura u kustodja legali tiegħu tibqa' fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet u kwindi kull deċisjoni dwar l-edukazzjoni u saħħa tal-minuri għandha wkoll tittieħed miż-żewġ partijiet flimkien.

2. Illi tenut kont li l-partijiet ma jgħixux flimkien u mhumiex mizzewġin it-tieni talba għandha tiġi miċħuda sabiex b'hekk l-esponent ikun konxju dejjem dwar jekk it-tifel minuri huwiex munit b'passaport.

3. Illi dwar it-tielet talba attriċi l-esponent jaqbel li għandhom jiġu ffissati modalita ta' aċċess għalih fir-rigward tat-tifel minuri iżda tali aċċess għandu jkun bl-iktar mod ampju u mhuwiex ġustifikat li tali aċċess ikun suġġett għal xi supervizjoni kif mitlub mill-attriċi.

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi l-esponent ma jopponix li jħallas manteniment adegwat lill-attriċi minħabba t-tifel minuri kemm il-darba huwa jkollu impjieg regolari, haġa li bħalissa għad m'għandux u purche' li jittieħed kont li l-attriċi, li għandha impjieg regolari, tagħti l-kontribut

taghha skond il-ligi u li tali manteniment ikun iffissat f'dak l-ammont li jirrispekkja il-bzonnijiet tal-minuri u l-mezzi rispettivi tal-partijiet.

5. Illi fir-rigward tal-hames talba, tenut kont tal-mezzi ezigwi tal-esponent, ghalkemm l-esponent jaqbel li ghandu jippartecipa fl-ispejjez ta' sahha u edukattivi tal-minuri, l-ispejjes ta' sahha ma ghandhomx jinkludu kura medika privata sakemm tali kura tista' tinghata bla hlas f'isptarijiet jew klinici tal-gvern u l-ispejjez edukattivi ghandhom ikunu ristretti ghal edukazzjoni tat-tifel minuri fi skejjel tal-istat.

6. Illi l-esponent jirritjeni li ma hemmx lok li tintlaqa is-sitt talba u fi kwalunkwe kaz jissottometti li tali talba hija superfluwa.

7. Illi fost il-provvedimenti ohra mitluba mill-attrici, l-esponent jissottometti li kull safar tat-tifel minuri ghandu jirrikjedi l-kunsens espress taz-zewg partijiet sabiex jigi assikurat li l-minuri jibqa' domiciljat fil-gzejjer Maltin sakemm isir maggorenni.

8. Illi l-esponent jopponi ghat-talba li huwa jigi kundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza stante li huwa ghamel minn kollox sabiex jasal bonarjament fi ftehim mal-attrici u ghalhekk jirritjeni li din il-kawza giet istitwita inutilment kif ghandu jirrisulta mill-proceduri ta' medjazzjoni numru 1619/16CB3.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datata 20 ta' Novembru, 2017.[1]

Rat ir-Rikors u d-Digriet datat 20 ta' Marzu, 2018.[2]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 23 ta' April, 2018.

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 6 ta' Lulju, 2018 u d-digriet datat 9 ta' Lulju, 2018.[3]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 26 ta' Lulju, 2019.[4]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 8 ta' Ottubru, 2018 u d-digriet tat 30 ta' Ottubru, 2018.[5]

Rat id-digriet datat 20 ta' Marzu, 2018.[6]

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru, 2018.[7]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 29 ta' Novembru, 2018.[8]

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg datat 17 ta' Jannar, 2019.[9]

Rat ir-rikors tat-18 ta' Frar, 2019 u d-digriet tad-29 ta' Marzu, 2019.[10]

**FATTI**

1. L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 24 sena. Mill-bidu kien fetah qalbu maghha u ammetta li sentejn qabel kien ghamel programm tad-droga mal-Caritas, pero' peress li kienet ghadha zghira ma tantx tat kaz. Il-genituri taghha ghal bidu ma tantx kienu hadu gost bih, izda mbaghad kienu accettawh.

---

[1] Ara fol. 71 tal-process.
[2] Ara fol.96 tal-process.
[3] Ara fol.147 tal-process.
[4] Ara fol. 151 tal-process.
[5] Ara fol. 170 tal-process.
[6] Ara fol. 235 tal-process.
[7] Ara fol. 193 tal-process
[88] Ara fol. 208 tal-process.

[9] Ara fol. 225 tal-process.
[10] Ara fol. 245 tal-process.

Tghid li l-konvenut kien footballer tajjeb u kien jilghab fil-Premier League u kien sahansitra qaddief fir-Regatta u kien clean. L-ewwel hames snin tal-gherusija taghhom, tghid li kienet sabiha hafna u wara ftit snin kienu marru jghixu flimkien. Meta kellha 23 sena ndunat li l-konvenut kien beda jabbuza mid-droga, in partikolari l-eroina. Kien jaghmel zmien clean, imbaghad jerga' jaqa'. Kien anke waqaf il-football u darba minnhom kienet anke sabitlu maghrfa u seringa. Hawn l-attitudni maghha kienet inbiddlet. Kien naqas hafna mir-relazzjonijiet intimi bejniethom u lanqas beda jiekol. Meta kkonfrontatu kien wieghdha li kien ser jiehu hsieb u kien sejjer tlett xhur il-Caritas, izda ghalkemm mar, kien hareg wara ftit. Minn hawn bdew jikbru l-problemi.

Il-konvenut ma kellux flus, ibiddel ix-xoghol u ghamel zmien wieqaf u jiehu r-relief. Beda jaghmel uzu mill-eroina quddiemha, imbaghad dahal il-programm tal-Caritas ghal disa' xhur. Tghid li kienet toffrilu s-sapport taghhom u kienet tmur is-sezzjonijiet il-Caritas u l-Outridge il-Floriana biex tkun tista' titghallem x'ghandha x'taghmel. Kienu jevitaw postijiet ta' bars, parties u anke Paceville, izda minkejja dawn is-sagrificcji xorta l-konvenut baqa' jbaghbas. Kien anke mar darbtejn Dar L-Impenn.

Kienu qed jistennew tarbija u xtaquha, pero' ghall-vizti, il-konvenut kien dejjem imur *high* u kienet dejjem thallas hi. Kienet tipprova twissih sabiex jieqaf minn dan l-abbuz peress li kienet gejja tarbija, izda aktar beda jzid. Meta kellha xi hames xhur tqala pprova jmur ghal ghaxart ijiem Dar l-Impenn, izda malli hareg rega' beda jiehu d-droga. Kien beda jiehu l-ismack ukoll.

Anke meta kienet ma tiflahx matul it-tqala, lanqas kien ikun jaf x' qed jigri. Kienet thallas kollox mill-paga taghha. Oht il-konvenut kienet deciza li jekk jibqa' sejjer hekk, kienet taghmel minn kollox biex ma thallix jara lit-tarbija. Meta dahlet l-isptar biex twelled, minflok il-konvenut kien ferhan u eccitat bhala, aktar kien mohhu kif ser igib il-flus ghax kien se jkollu jqatta' gurnata maghha. Kien talab il-flus lill-missier l-attrici. Ohtu kienet qaltilha li kienet sellfitu €100 u minkejja li kien qalilha biex jixtri xi haga ghall-attrici, kienet taf fejn kienu sejrin dawn il-flus.

Fil-15 ta' Gunju. 2016 twieled it-tifel E u l-attrici tghid li rrealizzat li kienet qed tahli hajjitha u ddecidiet li tmur tghix ghand ommha. Il-konvenut baqa' ma jaghtix flus, kien sar aggressiv u egoist u kien naqas hafna u lanqas kellu xoghol. Kien ikun bla sabar biex jara lit-tifel. Meta nizlet fil-post fejn kienet tghix mal-konvenut kienet sabet li kien biegh kollox mil-liquidiser, sa arlogg ta' Michael Kors.

F' Settembru, 2016 kellu jidhol xelter fil-Caritas u fl-14 ta' Ottubru, 2016 kien tkecca minn hemm peress li kienu sabulu l-pipi mcappsa. Meta ndunat li l-konvenut ma riedx jinbidel, kienet iddecidiet li ma tibqax f'relazzjoni mieghu u kienet marret tiehu parir minghand avukat. Il-familja tal-konvenut kienu jmorru jaraw lit-tifel minuri ghand ommha, filwaqt li l-konvenut ghal bidu kien ghamel zmien lanqas ma jaghmel kuntatt maghha.

L-attrici tghid li mbaghad il-familja tal-konvenut kienu qalulha li hu "clean" u li setghet tiehu l-minuri ghand ommu. Pero', minkejja

li kienet tiehdu kienet taf li omm il-konvenut kienet tahbilu anke jekk kienet taf x'kien qed jaghmel.

Sakemm il-konvenut ikun hareg ghal kollox mill-vizzju tad-droga, l-attrici tinsisti li trid li l-access ikun taht supervizjoni. Tichad li hi kienet tabbuza mid-droga.

Skond id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar, 2016, l-access kellu jigi ezercitat nhar ta' Erbgha bejn l-4.30 pm u s-7.30 pm u nhar ta' Sibt mis-1.00 pm sal-4.00 pm fil-presenza ta' omm il-konvenut. Kienet talbitu sabiex nhar ta' Sibt l-access isir filghodu minflok, ghax it-tifel minuri kien qed ighajja, izda m'accettax.

Bhala manteniment, l-attrici tghid li kulma kien offra l-konvenut kien €60 fix-xahar u dan kien jinkludi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Kien wieghdha li kien ser izid dan l-ammont ghal wiehed regolari appena jkollu impjieg fiss. Saret taf imbaghad li kien ilu jahdem minn April, 2017, izda ma kien qallha xejn ghax kien jaf li nkella kien ser ikollu jzid il-manteniment. Fis-26 ta' Lulju, 2017 hareg digriet tal-Qorti li ordnat li l-konvenut kellu jhallas €200 manteniment ghall-minuri b'effett mis-6 ta' Lulju, 2017 u l-uniku pagament kien dahal fil-25 ta' Awissu, 2017 ghax il-konvenut kien avzaha li kien ser jibda jhallas tard.

**2.** Silvana Tabone, case worker tal-partijiet mal-Agenzija Appogg, tghid li ghadu qed isir il-monitoring kif ordnat mill-Qorti. Jirrizultalha li l-minuri ghandu relazzjoni tajba mal-konvenut u

anke man-nanna paterna. Bhala problemi tghid ma kienx hemm bejn il-genituri, hlief li l-attrici kienet ikkoncernata peress li fil-fehma taghha l-konvenut kien ghadu jabbuza mid-droga u kienet tinkwieta meta l-konvenut kien ipejjep fil-karozza fil-presenza tal-minuri. Tghid li l-konvenut jichad li ghadu jabbuza mid-droga.

Tispjega li hi ma setghetx tikkonferma dan ghaliex fil-presenza taghhom qatt ma sar xejn minn dan, izda ovvjament ma kinux ikunu fil-karozza mieghu.

Tikkonferma li kien hemm xi problema fuq l-access li kien jigi ezercitat nhar ta’ Erbgha u dan peress li l-konvenut kien biddel ix-xoghol tieghu u l-Erbgha kienet problema ghalih ghax kull gimgha b’mod alternattiv kien ikollu s-shift mis-2.00 pm sal-10.00 pm u di piu’ f’ dik id-darba li jkun jista’ l-Erbgha kien qed isib hafna traffiku. Semmiet li l-konvenut qallha li kien tkellem mal-attrici biex jezercita l-access f’ gurnata ohra, pero’ riedet timxi skond id-digriet.

Tispjega li minn meta zdiedu l-hinijiet tal-access, kien hemm bidla fl-attitudni tal-minuri u l-attrici kienet inkwietata. Kien hemm prezenti workers taghhom u dawn kienu raw b’ghajnejhom li meta l-minuri jkun sejjer ghand il-konvenut kien jirresisti u ma jkunx irid jitlaq lil ommu u kien hemm okkazzjoni fejn kien aggressiv jaghti bil-ponn f’ wicc ommu.

Il-monitoring waqt l-access mal-missier ikun minghajr pre-avviz fid-dar tan-nanna paterna, izda kull meta mar worker minn taghhom dejjem kienu jsibu lill-konvenut hemm u jekk ma jkunx

hemm, ghax ikun illarga ghal ftit u kien jerga' lura. Gieli sabuh wahdu, ghax tkun harget ommu u l-minuri ikun maghha peress li ma jistax jibqa' wahdu mal-konvenut. It-tifel minuri kien jidher komdu u jilghab mal-kugini z-zghar tieghu.

Il-monitoring fid-dar tal-attrici jsir b'avviz ghax ma kinux ordnati li jaghmlu surprise visits.

3. Noel Cassar, in rapprezentanza tal-Caritas jikkonferma li l-konvenut kien ghamel programm komplut. Kien ghamel l-ewwel xahrejn preparazzjoni u fis-7 ta' Awissu, 2006 beda l-programm propja San Blas u komplu l-programm b' success sad-19 ta' Marzu, 2007. L-imgieba tieghu dejjem kienet tajba u kien dahal bi problema ta' droga.

   Fis-27 ta' Novembru, 2014 beda t-tieni programm volontarjament u gie komplut fit-8 ta' Awissu, 2015 u kien rega' dahal fit-8 ta' Awissu, 2015 sas-16 ta' Dicembru, 2015.

   Ighid li l-ahhar li l-konvenut kien mar l-Outreach kien f'Ottubru, 2016 u bejn Dicembru, 2015 sa Ottubru, 2016 ighid li ma kellhomx kuntatt mieghu. Pero' f'kull programm kellu mgieba tajba u z-zewg programmi gew kompluti.

4. PC 1504 Juan Azzopardi esebixxa erba' rapporti u fedina penali.[11]

[11] Ara Doks. JA1 – JA 5 a fol. 104 – 120 tal-process.

5. FB, omm l-attrici tispjega li meta l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut, ma tantx kienu approvaw din ir-relazzjoni u kienu ppruvaw jikkonvincuha biex titilqu. Kienu jafu li mhux l-ewwel darba kien segwa programm ta' riabilitazzjoni. Kien imbaghad ikkonvinca lill-attrici biex tmur tghix mieghu l-Isla u filwaqt li zewgha kien ghenhom biex jirrangaw il-post u anke hi kienet tinzel tghin, kienet tinduna li l-konvenut kien donnu dejjem ghajjien fuq is-sufan. Dan kollu huwa kkonfermat minn GB, missier l-attrici li semma ukoll li l-konvenut kien gieli talbu l-flus. Lanqas meta l-attrici kienet harget tqila, ommha tghid li hi biss kienet tmur mal-attrici ghand it-tabib u forsi l-konvenut mar xi darbtejn.

   Tispjega li meta twieled it-tifel minuri, kienet regghet bdiet tissuspetta li l-konvenut kien qed jerga' jabbuza mid-droga. L-attrici kienet qed titlobha l-flus ghall-konvenut, izda rrifjutat li taghtihomlha. Kienet bdiet tinduna li ma kellux sabar joqghod jew jigi jara lit-tarbija. Kien anke beda jitlef mill-piz. Kienet anke bdiet tinduna li l-attrici kienet tkun imdejjqa u nkwietata. Meta kkonfrontatha kienet ikkonfermat li l-konvenut kien rega' abbuza mid-droga u kien mar programm ta' riabilitazzjoni ghal darb'ohra. Isemmi ukoll li kien hemm darba meta kien gie ghandhom u kien irrabbjat ghaliex kienu keccewh minn fuq ix-xoghol tieghu ma' PJ Sutters ghax kienu sabu €300 nieqsa u kienu wahhlu fih, meta hu nnega dan.

6. FB missier l-attrici jghid li peress li ma kienx kuntent bir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut kien ipprova jitkixxef fuqu u minghand shabu tax-xoghol u kienu qalulu li jafuh bhala "junkie"

u “rambu.” Peress li kien beda jinkwieta aktar kien ipprova jiftah ghajnejn l-attrici.

Wara li twieled it-tifel minuri kienu marru jghixu maghhom, izda spicca li kecca lill-konvenut peress li nduna li kien qed jerga’ jabbuza mid-droga. Il-familjari tieghu kienu qablu max-xhud. Jikkonferma li l-konvenut kien rega’ dahal jaghmel programm, izda kienu keccewh u kien hawn li l-attrici temmet ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Wara din il-firda, kien hemm xi darbtejn fejn il-konvenut kien hedded lix-xhud, tant li kellhom jaghmel rapport lill-pulizija, izda ma kienx insista bil-proceduri, bit-tama li jirrangaw is-sitwazzjoni ghall-minuri.

7. HB, hu l-attrici jikkonferma li ohtu kienet qaltlu li kienet qed tohrog mal-konvenut u li qabel kien jiehu d-droga. Kien serrah mohhu ghax kienet qaltlu li kien jilghab il-football mal-Premier. Ighid li l-attrici kienet tiftah qalbu maghha u ghalkemm meta kienet marret tghix mal-konvenut, ma tantx kien jaraha, pero’ l-ftit li kien jiltaqa’ maghha kienet tidher inkwietata u mdejjqa. Kien hemm zmien wara li l-konvenut kien ghamel programm li kienu jiehdu gost, izda hajtu kienet iddominata mid-droga. Anke meta twieled it-tifel minuri kien jidher li hemm nuqqas ta’ interess u partecipazzjoni da parti tieghu.

Wara li kienu hassru, il-konvenut tah il-verzjoni tieghu u kien qallu li kien lest biex ighinu. Kien qallu ukoll li kien sab ix-xoghol u kien beda jittrejnja. Izda, ighid li l-konvenut ma riedx jinbidel u l-minuri jisthoqqlu trobbija ahjar.

8. Connie Azzopardi, in rapprezentanza tas-Sigurta' Socjali tikkonferma li l-attrici tircievi c-childrens allowance fl-ammont ta' €14.12 fil-gimgha.[12] Kienet tircievi ukoll *work benefit,* beneficcju li jassisti lill-genituri li ghandhom ulied taht l-eta' ta' 23 sena, apparti c-childrens allowance. Dwar il-konvenut tghid li dan kien jircievi l-"WA" u cioe' l-unemployment allowance.[13] Mis-7 ta' April, 2017 minn dan id-Dokument ma jirrizultax li rcieva ebda assistenza. Tghid ukoll li l-konvenut kien applika ghal unemployment assistance. [14]

9. Joseph Saliba in rapprezentenza ta' Jobs Plus esebixxa ir-registration u employment history tal-konvenut. Ighid li l-ahhar impjieg tal-attrici kien fit-18 ta' Settembru, 2014 u baqghet hemm.[15]

   Dwar il-konvenut ighid li ma kienx qed jirregistra ghax-xoghol. Kien hemm xi zmien fejn kien irrizenja mix-xogholijiet fuq ragunijiet ta' sahha, izda ma jkunux jaf ghal liema raguni u biex jerga' jibda jirregistra jkollu bzonn certifikat li huwa "fit for work."[16]

10. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. xehdet fuq il-kontijiet bankarji f' isem l-attrici. Irrizultaw is-segwenti dokumenti:-

[12] Ara dok. CA 1

[13] Ara Dok. CA 2 u CA 3
[14] Ara Dok. CA 4.

[15] Ara Dok. JSJ2
[16] Ara Dok. JSJ 1.

i) Dok NCB 1 – kont savings u ghadu miftuh;
ii) Dok. NCB 2 – kont savings u ghadu miftuh;
iii) Doks. NCB 3 u 4 – loan accounts, kienu motor loan u personal loan rispettivament li nghalqu;
iv) Dok. NCB 5 – loan account ghadu miftuh;
v) Dok. NCB 6 – credit card.

Tghid li rrizultaw ukoll xi investimenti taht referenza 198399.

Esebit ukoll xi dokumenti ohra rigwardanti loans.[17]

11. Renato Camilleri, in rapprezentanza ta' Dar l-Impenn jikkonferma li l-konvenut kien dahal fid-Dar hames darbiet li huma s-segwenti:-

i) Fil-21 ta' Ottubru, 2013 taht Dr. Moses ghamel trattament minflok droga jew methadone u wara mar xelter il-Caritas;
ii) Fid-19 ta' Settembru, 2015, taht Dr. Ellul dahal biex jaghmel stabilization tal-methadone u wara tlett ijiem mar lura d-dar.
iii) Fis-27 ta' Frar, 2016, rega' dahal ghall-istabilization taht Dr.Ellul u wara tmint ijiem mar id-dar.
iv) Fil-5 ta' Ottubru, 2016 u hareg fl-14 ta' Ottubru, 2016 u mar xelter il-Caritas wara stabilization tal-methadone.
v) Fl-4 ta' April, 2019 ghal erbat ijiem ghall-istabilization u hareg fit-8 ta' April, 2019 u gie *discharged against medical advise* ghax ried jitlaq.

[17] Ara Doks. JB1 – JB 3.

Jispjega li generalment Dar l-Impenn imorru sabiex jaghmlu *detoxification* jew *stabilization* qabel il-programm. Qabel ma kienu jaghmlu l-programm ma kinux jaghmlu testijiet fuq droga, izda issa kienu nbdew il-proceduri. F’ April ma setghux jaghmlu t-testijiet peress li kien telaq qabel iz-zmien.

L-istabilization tal-methadone tfisser li jiehdu l-methadone minbarra milli jmorru d-Detox centre peress li ma tkunx qed izommhom u ghalhekk imorru Dar l-Impenn biex izidu d-doza ghax jigu *sick.*

12. Dorianne Coleiro, in rapprezentanza tas-Sedqa kkonfermat li kienet tahdem bhala counsellor u key worker mal-konvenut. Kienet tghinu bil-problema tad-droga u meta mar l-ewwel darba kien ammetta maghha li xi ghaxar snin qabel kien ghamel programm ta’ riabilitazzjoni l-Caritas u kien gie clean. Izda recentement kellu *relapse*. Ghall-habta ta’ Ottubru jew Novembru, 2018, kienet qaltlu li seta’ jerga’ jibda programm ta’ riabilitazzjoni, izda ma tantx kellu mohh peress li ommu kienet mardet.

    Mill-urine test kien irrizulta li kien jiehu l-methadone u xi droga ohra peress li rrizulta pozittiv ghat-test.

    Kienet tatu appuntament ghall-hmistax wara, izda ma kienx mar u lanqas ghall-appuntamenti l-ohra ghax kien iktar iffukat fuq ommu. Kien semma’ ukoll li kellu tifel minuri u li kien se jhallih fil-kura tal-attrici . Peress li ma kienx qed jattendi ghas-sezzjonijiet minn naha tas-Sedqa ddecidew li jaghlqu l-kaz.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Kemm il-darba gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li f'kawzi bhal dawn, il-Qorti ghandha dejjem tikkkonsidra l-aqwa interessi tal-minuri. Fil-kawza **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Dicembru, 1858, il-Qorti rriteniet illi:-

***"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."***

Illi jinghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **John Cutajar vs Amelia Cutajar et** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it 28 ta' Jannar, 1956) u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003):-

***"illi "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonjiet bhal din insorta f'din il-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess***

***tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."***

It-tifel minuri qed jitrabba mill-attrici, wara li telqet lill-konvenut, li ghandu problemi serji bil-vizzju tad-droga. Jirrizulta li l-attrici kienet taf mill-bidunett mill-konvenut stess li kien jabbuza mid-droga f'xi zmien u peress li kienet tarah jilghab il-futbol fil-Premier u kien sportiv u peress li l-imhabba hija ghamja, hasset li kien "clean." Kienet imwissija mill-genituri taghha li l-konvenut ma kienx ighodd ghaliha.

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-konvenut rega' kellu diversi *relapses* u ttenta kemm il-darba jmur Dar l-Impenn u jmur ghal xelter il-Caritas, pero' kien difficili ghalih li jaqta' l-vizzju. L-attrici tghid li malli kienet tqila kien hemm nuqqas ta' interess da parti tal-konvenut u hafna drabi l-vizti ghand it-tabib kienet taghmilhom m'ommha. Il-ftit li mar kienet tisthi, ghax kien jidher li kien taht l-influwenza tad-droga.

Kienet tarah jiehu l-eroina quddiemha u anke meta kien wassalha l-isptar biex twelled, hija kienet migugha u minflok hu kien qed jiehu l-eroina u jittallab il-flus minghand il-familjari taghha biex ikollu biex jixtri d-droga.

Kienet marret tghix ghand ommha bit-tarbija u l-konvenut ftit kien imur jarah u jekk kien imur kien ikun bla sabar. Kien rega' dahal jaghmel programm ta' riabilitazzjoni l-Caritas pero' kien tkecca peress li kien irrizulta li kien pozittiv ghad-droga. Kien hawn li l-attrici ddecidiet li tittermina r-relazzjoni taghha.

L-access beda jsir taht supervizjoni u ghalkemm id-diversi rapprezentanti tal-Agenzija Appogg ilkoll ikkonfermaw li l-minuri kien imur tajjeb mal-konvenut, izda iktar kien ifittex lin-nanna paterna. Il-preokkupazzjoni principali tal-attrici kienet li l-konvenut kien ghadu jabbuza mid-droga u ma kienx responsabbli bizzejjed biex it-tifel minuri jibqa' mieghu wahdu.

Ingabu provi li ma jikkonvincux lil dina l-Onorabbli Qorti li l-konvenut kien "clean," kif riedu jaghtu x'jifhmu l-familjari tieghu. A propositu, Renato Camilleri, in rapprezentanza ta' Dar l-Impenn, xehed li l-konvenut kien mar diversi drabi ghall-istabilization, ghax ikun "sick" minhabba li l-methadone ma jkunx bizzejjed u l-ahhar li kien mar kien fl-4 ta' April, 2019 ghal erbat ijiem ghall-istabilization u hareg fit-8 ta' April, 2019 u gie *discharged against medical advise* ghax ried jitlaq. Dan juri li sa recentement, il-konvenut kien ghadu qed jabbuza mid-droga.

Dorianne Coleiro, in rapprezentanza tas-Sedqa kkonfermat li kienet tahdem bhala counsellor u key worker mal-konvenut. Kienet tghinu bil-problema tad-droga u meta mar l-ewwel darba kien ammetta maghha li kien xi ghaxar snin qabel kien ghamel programm ta' riabilitazzjoni l-Caritas u kien gie *clean*. Izda recentement kellu *relapse*. Ghall-habta ta' Ottubru jew Novembru, 2018, kienet qaltlu li seta' jerga' jibda programm ta' riabilitazzjoni, izda ma tantx kellu mohh peress li ommu kienet mardet. Mill-*urine test* kien irrizulta li kien jiehu l-methadone u xi droga ohra peress li rrizulta pozittiv ghat-test. Peress li ma kienx qed jattendi ghas-sezzjonijiet minn naha tas-Sedqa ddecidew li jaghlqu l-kaz. Dan ukoll mhumiex provi konvincenti li l-konvenut kien qata' l-vizzju tad-droga.

Fid-dawl ta' dan kollu, dina l-Onorabbli Qorti ma thossx li l-konvenut huwa genitur idoneju biex jigi fdat bil-kura u kustodja, anke jekk kongunta, tal-minuri. Mhux konsistenti f'xogholu, gieli jahdem u gieli le, mill-provi jirrizulta li qed isibha difficli biex iwaqqaf il-vizzju u l-istess mard t'ommhu iktar ikkagunatlu ansjeta'. Filwaqt, li l-attrici dejjem hadmet u llum tahdem bhala ghalliema u ghandha ntrojtu fiss u dejjem kien stabbli f'hajjitha, minkejja l-izbalji li setghet ghamlet.

Il-konvenut stess ammetta skond ir-Rapport ipprezentat minn Andreana Gellel mill-Agenzija Appogg fl-14 ta' Jannar, 2019[18], li l-konvenut kien infurmaha li minhabba problemi finanzjarji ma kienx ser ikompli jattendi l-Qorti u li kien tkellem mal-attrici li kien ser icedilha l-kura u kustodja tal-minuri.

Ghaldaqstant, l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata eskluzzivament lill-attrici, kif ukoll kwalsiasi decizjoni rigwardanti s-sahha, edukazzjoni tal-minuri.

**<u>ACCESS</u>**

Minhabba li l-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga, l-access minn dejjem kien jinzamm taht supervizjoni u kienet tkun prezenti ukoll in-nanna paterna peress li jidher li l-minuri ghandu relazzjoni tajba hafna maghha. Ma jirrizultax li kien hemm xi incidenti partikolari waqt dan l-access, li kien qed isir f' forma ta' monitoring fid-dar ta' nanna paterna. Generalment, kien hemm *surprised visits* waqt il-hin tal-

[18] Ara fol. 226 tal-process.

access u r-rapprezentanti tal-Agenzija Appogg ikkonfermaw li hafna drabi l-konvenut kien ikun hemm u gieli ma sabux il-minuri hemm, izda ghax ikun illarga man-nanna u dan stante l-fatt li l-minuri ma jistax joqghod wahdu mal-konvenut.

Jirrizulta li kien hemm problemi biex l-access jigi ezercitat nhar ta' Erbgha u dan peress li l-konvenut kien qed jahdem bis-shift u l-hinijiet ma kienux jippermettilu li jkun hemm. Dina l-Onorabbli Qorti kienet zdiedet il-hinijiet tal-access, izda din ma tantx nizzlet tajjeb mal-minuri li beda jsir aggressiv u kien hemm incident fejn sahansitra beda jaghti bil-ponn f' wicc l-attrici.

In ogni caso, jidher li l-attrici ma tridx bl-ebda mod icahhad lill-minuri minn missieru, izda jibqa' dejjem il-fatt li mhux persuna responsabbli, li ghandu problemi bid-droga. Gie riferut lil tas-Sedqa fejn kellhom izommhulu "urine tests," izda mar darba fejn irrizulta pozittiv ghal kokaina, kannabis u methadone u ma regax attenda. Dan kien ghall-habta ta' Novembru, 2018. Kien hemm ukoll tentattivi da parti ta' Dorianne Coliero, il-key worker tieghu, li ppruvat kemm il-darba biex tghinu johrog mill-vizzju tad-droga, izda ma kienx qed jikkoopera l-aktar minhabba l-problemi ta' mard t'ommu u ma kellux mohh.

Jirrizulta mill-provi, li l-konvenut ghad ghandu dipendenza kbira fuq id-droga u ghalhekk huwa inkoncepibbli ghal din l-Onorabbli Qorti li tafdalu l-minuri minghajr supervizjoni. Jidher li hemm intopp iehor, peress li l-omm il-konvenut ukoll mhix f'sahhitha u xi kultant donnu tghatti lil binha l-konvenut, izda l-attrici qatt ma kellha interess li ccahhad lin-nanna paterna minn dan l-access sakemm tiflah ghalih.

Ghalhekk, in vizta ta' dan kollu, dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-access jibda jigi ezercitat kull nhar ta' Sibt bejn id-9 am sas-1 pm taht supervizjoni mir-rapprezentanti tal-Agenzija Appogg u fil-presenza tan-nanna paterna.

**MANTENIMENT**

L-attrici qed titlob manteniment ghall-minuri E li ghandu tlett snin. Skond digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 26 ta' Lulju, 2017, il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 ghall-minuri li tinkludi l-ispejjes kollha.

L-Artikolu 7 (1) tal-Kodici Civili jistipula li "***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B***." Illi kif irriteniet din l-Onorabbli Qorti diversi drabi:-

***"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut." (Maria Bugeja pro.et.noe. vs Spiridione sive Stephen Bugeja – Cit.Nru. 154/94).***

Huwa minnu li minhabba l-problemi ta' tossikodipendenza, il-konvenut mhux qed isaddad fl-impjiegi tieghu. Jirrizulta ukoll mill-provi, li l-konvenut mhux qed jirregistra ghax-xoghol u ilu ma jghaddi manteniment lill-attrici ghall-minuri E sa minn Settembru, 2018 u meta kien qed ihallas kien dejjem tardiv fil-pagamenti.

Huwa b' dispjacir u sfortuna kbira li missier jasal fl-estremita' li jpoggi l-finanzi ghad-droga bhala priorita' qabel il-*benessere* ta' ibnu. Irrispettivament mill-problemi li qed ikollu jiffaccja jrid ikun konsapevoli li ghandu tifel, li ghandu l-bzonnijiet tieghu u fl-ebda hin ma jista' jigi mcahhad minnhom. Lanqas huwa gust li wiehed mill-genituri ghandu jerfa' dan il-piz wahdu, bhalma qed taghmel l-attrici. L-ispejjes ma jieqfu qatt, skola, medicina, hwejjeg u ikel. Fl-ebda mument ma jista' jahrab minn dawn l-obbligi f'ghajnejn din l-Onorabbli Qorti, tkun xi tkun l-iskuza.

Ghalhekk, tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tordna li l-konvenut ihallas manteniment fis-somma ta' €250 biex tkopri l-ispejjes kollha tal-minuri, kif ukoll is-somma ta' €2,800 bhala arretrati ta' manteniment.

**DECIDE**

1. Tilqa' l-ewwel talba u takkorda l-kura u l-kustodja eskluzziva tal-minuri Gianluca lill-attrici, kif ukoll kwalsiasi decizjoni relatata mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-access ikun taht supervizjoni gewwa l-Agenzija Appogg kull nhar ta' Sibt bejn id-9 am u s-1 pm, fil-presenza tan-nanna paterna.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-konvenut ihallas is-somma ta' €250, li tinkludi l-ispejjes kollha u dan sakemm jaghlaq tmintax-il sena,

jew jibda jahdem jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk jiddeciedi li jibqa’ jistudja full-time. Tordna ukoll li dawn l-alimenti jitnaqqsu direttament mill-paga tal-konvenut u jitpoggew go kont bankarju ndikat mill-attrici. Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-talba stante d-decizjoni fuq il-manteniment.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici.

L-ispejjes u l-imghaxijiet ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**